# Il-Gvern impenjat għall-vijabbiltà tal-Air Malta

Il-Prim Ministru Lawrence Gonzi, ilbieraħ sostna li l-mira tal-Gvern hi l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-*Air Malta*.

L-*Air Malta*, l-ambjent, ix-xogħol u l-inizjattivi tal-Baġit kienu fost is-suġġetti trattati mill-Prim Ministru fi programm fuq *Radju Malta*, immexxi minn Andrew Azzopardi.

Mistoqsi dwar l-ARMS, il-Prim Ministru qal li xahar ilu, hu diġà kien għamel apoloġija pubblika meta ddikjara li ma kienx kuntent bis-servizz li kienet qed tagħti din il-kumpanija.

Effettivament ittieħdu diversi miżuri, sostna l-Prim Ministru, li qal li issa qed jidhru l-ewwel riżultati pożittivi, għalkemm fadal ħafna x'isir.

Il-Prim Ministru qal li l-impenn tal-Gvern hu li l-ARMS tagħti servizz tal-aħjar kwalità, u mhux se jkun aċċettat servizz ineffiċjenti lill-pubbliku.

Mistoqsi dwar diversi allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, il-Prim Ministru qal li l-filosofija tal-Gvern hi li jkunu l-Qrati li jiddeċiedu jekk ikunx hemm ħtija, wara investigazzjoni tal-Pulizija. Jekk ikun hemm il-ħtija, allura jkun hemm il-konsegwenzi; iżda r-rwol tal-Prim Ministru ma hux li jinvestiga l-korruzzjoni.

Hu kompla li l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni qed isiru propju meta l-pajjiż qed isaħħaħ ix-xogħol u jkabbar l-investiment fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-benefiċċji soċjali.

Min isir jaf b'xi allegazzjoni għandu jmur għand il-Kummissarju tal-Pulizija, appella l-Prim Ministru, li qal li ma jistax jifhem għaliex l-Oppożizzjoni ma tagħmilx dan.

Dan hu attakk fuq l-istituzzjonijiet li bħalissa jmissna qed insaħħuhom mhux indgħajfuhom, sostna l-Prim Ministru. Hu esprima l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-pajjiż fosthom l-Awditur Ġenerali, tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Qrati.

Dwar il-*power station*, il-Prim Ministru qal li l-Awditur Ġenerali għamel investigazzjoni li damet sena u għamel rapport, iżda l-Oppożizzjoni trid li din l-investigazzjoni tibda mill-ġdid.

Mhux se naċċettaw li l-Awditur Ġenerali, li hu uffiċjal tal-Parlament, ikun ridott bla sinjifikat, aktar u aktar meta kien hemm qbil mhux biss dwar l-istituzzjoni, iżda dwar il-persuna wkoll.

Lawrence Gonzi qal li m'hemmx diffikultà li jekk hemm aspetti li għandhom ikunu ċċarati, dawn ikunu ċċarati; iżda l-proċess m'għandux jibda mill-ġdid.

Dwar l-*Air Malta*, il-Prim Ministru qal li hu vantaġġ li l-President Abela jaf tajjeb is-sitwazzjoni u hu konxju tal-fatti. Il-messaġġ li qed iwassal il-President Abela fil-bidu tad-diskussjonijiet dwar l-*Air Malta* kien wieħed pożittivi.

Il-Prim Ministru qal li l-ispekulazzjonijiet li qed isiru jagħmlu l-ħsara, u kompla li l-impenn tal-Gvern hu li l-*Air Malta* tkun kumpanija vijabbli. Il-Gvern m'għandu l-ebda pjan li l-*Air Malta* tingħalaq; din trid tinbidel u tieħu l-inizjattivi biex tkun vijabbli.

Dwar il-kaċċa fir-rebbiegħa, il-Prim Ministru qal li n-nuqqas ta' qbil hu dwar in-numru ta' tajr li jista' jkun ikkaċċjat.

Il-Prim Ministru qal li l-Gvern bħalissa qed iwettaq l-akbar riforma fit-trasport pubbliku, li se tfisser li 75 fil-mija tal-karozzi tal-linja se jinbidlu u jkunu ta' livell aċċettat fl-Unjoni Ewropea.

Mistoqsi dwar l-*airstrip* f'Għawdex, il-Prim Ministru qal li hu tkellem ma' imprendituri Għawdxin u talabhom biex iħejju studju dwar din il-proposta. Qal li f'dan l-istadju, il-Gvern mhux qed jieħu pożizzjoni u għad m'għandux raġuni soda li tiġġustifika *airstrip* żgħira f'Għawdex.

NOTICE
ROAD CLOSURE
Bisazza Str., Sliema
Sunday 14th November, 2010
From 6.00am to 17.00pm

## Avviż minn MaltaPost

MaltaPost p.l.c. tixtieq tavża lill-pubbliku li s-sit elettroniku tal-kumpanija (inkluż kull informazzjoni online) mhux se jkun disponibbli għall-pubbliku llum il-Ħadd 14 ta' Novembru bejn is-7 a.m. u s-7 p.m. minħabba li se jsiru xi xogħlijiet fis-sistema tal-kumpanija.

MaltaPost tiskuża ruħha għal kull inkonvenjent.



*Anġlu Xuereb, il-fundatur ta' AX Holdings jidher mal-Prim Ministru Lawrence Gonzi, is-Sinjura Xuereb u l-President Emeritu u s-Sinjura Fenech Adami waqt ir-riċeviment tal-35 anniversarju*

L-AX HOLDINGS TIĊĊELEBRA L-35 ANNIVERSARJU

# Ċelebrazzjoni ta' imprenditur Malti li għamel isem għalih u għal pajjiżna

Il-grupp tal-kumpaniji *AX Holdings* qed jiċċelebra l-35 anniversarju mill-bidu tiegħu. Dan il-Grupp għandu investimenti fil-kostruzzjoni u s-settur tat-turiżmu.

Waqt ċelebrazzjoni ta' dan l-anniversarju, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi faħħar is-suċċessi li jiksbu l-imprendituri Maltin u wiegħed li l-Gvern se jkompli jaħdem biex jattira iktar investiment lejn il-pajjiż.

F'riċeviment, li sar fil-lukanda *The Palace*, f'Tas-Sliema biex jiċċelebra dan il-35 anniversarju, kien hemm preżenti bosta persuni ewlenin fil-kummerċ u persuni oħra distinti, fosthom il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-President Emeritu Eddie Fenech Adami.

Id-determinazzjoni tal-fundatur Anġlu Xuereb f'mumenti diffiċli, il-flessibbiltà u l-kapaċità li jadatta quddiem l-isfidi kienu elenkati bħala l-kwalitajiet ewlenin li wasslu għas-suċċess tal-grupp tal-*AX Holdings*.

Anġlu Xuereb, iċ-*Chairman* tal-Grupp *AX Holdings* tkellem dwar kif il-kumpanija kibret biex illum timpjega 500 persuna fuq bażi *full-time* b'investimenti ta' miljuni ta' ewro fil-kostruzzjoni u s-settur tat-turiżmu.

Il-Grupp hu x-*shareholder* prinċipali fil-*Valletta Waterfront*, għandu l-lukandi *The Palace*, *Victoria*, *Suncrest* u *Sunny Coast*, u l-*Verdala Mansions* fost l-oħrajn.

Is-Sur Xuereb qal li din is-sena kienet waħda pożittiva għall-qasam turistiku, tant li l-lukandi tagħhom kellhom titjib ta' 13 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.

Fid-diskors tiegħu, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi semma kif bid-deċiżjonijiet tiegħu, il-Gvern qed ikompli jappoġġa lis-settur privat, li jimpjega l-maġġoranza tal-ħaddiema, waqt li jkompli jattira aktar investiment lejn Malta.

# Nikki Dimech isejjaħ konferenza stampa wara li reġa' ddefendieh Joseph Muscat

Wara li reġa' sab l-appoġġ tal-Mexxej Laburista Joseph Muscat fi programm televiżiv fuq l-istazzjon Laburista nhar il-Ġimgħa filgħaxija, l-eks Sindku ta' Tas-Sliema Nikki Dimech sejjaħ konferenza tal-aħbarijiet li fiha attakka lill-*media* għall-mod kif qal li din qed tirrapporta l-każ tiegħu fil-Qorti.

Kien Joseph Muscat innifsu l-Ġimgħa filgħaxija li wera li għadu qed jappoġġa lil Nikki Dimech, kif kien għamel fil-programm *Bondi Plus*. F'dan il-programm, Joseph Muscat għażel li jaħrab milli jikkummenta fuqu.

Min-naħa tiegħu, Nikki Dimech ukoll qed jiddefendi lil Joseph Muscat u jiddeskrevih bħala raġel tal-affari tiegħu u ta' moħħu miftuħ. Hu qabbel lilu nnifsu ma' Norman Lowell u qal li għandu jkollu ċ-ċans jitkellem bħalma għandu Lowell.

Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet, Nikki Dimech allega li xi *media* qed tkun inġusta fil-konfront tiegħu u qed tagħżel x'tirrapporta minn dak li qed iseħħ fil-Qorti. Għalkemm qal li dak li qal lill-Pulizija m'huwiex minnu, Dimech saħaq li xorta waħda mhux beħsiebu jitlob lill-Pulizija biex jirtira l-kumment tiegħu.

Għal din il-konferenza tal-aħbarijiet, il-kamra tal-aħbarijiet ta' *media.link communications* ma kinitx mistiedna. Meta mistoqsi għaliex din ma kinitx mistiedna, Nikki Dimech qal li hu personalment bagħat *SMS* lill-kmamar tal-aħbarijiet u qal li m'għandux in-numru tal-kamra tal-aħbarijiet tagħna.

voices
FOUNDATION
BENEFICIARY FUND

The Voices Foundation is accepting requests for funding of philanthropic and charitable projects to be allocated from its Beneficiary Fund, from proceeds raised by the 'VOICES *Listen to the Music*' concerts held recently. Further information together with the Fund Application Form can be downloaded from www.voices.org.mt or by writing to
VOICES BENEFICIARY FUND
c/o SB.Co, Triq Dun Karm, Birkirkara BKR 9038, Malta

Applications will be accepted until 22 November 2010